MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2011

Talba Numru. 1447/2010

GO p.l.c. (C22334).

Vs

Bugibba Investments Limited (C26531).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' erba mija u seba u disghin ewro u tmienja u sittin centezmu (€497.68) minghand is-socjeta' konvenuta, in konnessjoni ma diversi servizzi telefonici. U peress illi s-socjeta' konvenuta giet interpellata sabiex thallas izda baqghet inadempjenti, kellha ssir din il-kawza. Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet mid-data ta' l-ahhar pagament u cioe mit-2 ta' Marzu 2009, kontra s-socjeta' konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-

kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deheret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li s-socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba, u jikkundanna s-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' erba mija u seba u disghin ewro u tmienja u sittin centezmu (€497.68), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mis-socjeta' konvenuta.

**Avv. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------